KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
RICHARD DE LA TOUR
ippreżentati fit-2 ta' Ġunju 2022 [1]

Kawża C-241/21

I.L.
vs
Politsei- ja Piirivalveamet

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Riigikohus (il-Qorti Suprema, l-Estonja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2008/115/KE – Ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti irregolarment – Artikolu 15(1) – Detenzjoni għall-finijiet tal-proċedura tat-tneħħija – Raġunijiet – Żieda – Riskju stabbilit li jitwettaq reat kriminali segwit minn investigazzjoni u sanzjoni li tista' tfixkel b'mod sinjifikattiv l-eżekuzzjoni tat-tneħħija"

I. Introduzzjoni

1. Id-domanda preliminari magħmula mir-Riigikohus (il-Qorti Suprema, l-Estonja) tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2008/115/KE [2].

2. Din it-talba saret fil-kuntest ta' azzjoni mressqa minn I.L., ċittadin tal-Moldova li kontrih kienet inħarġet ordni mill-Politseija Piirivalveamet (l-Uffiċċju tal-Pulizija u tal-Gwardji tal-Fruntiera, l-Estonja, iktar 'il quddiem il-"PPA") biex jitlaq mit-territorju Estonjan, kontra d-deċiżjoni li jinżamm taħt detenzjoni għall-finijiet tat-tneħħija tiegħu. Huwa jikkontesta l-legalità tar-raġuni mogħtija, jiġifieri li kien ikun ta' riskju reali, li kieku baqa' fil-libertà qabel it-tneħħija tiegħu, li jwettaq reat kriminali li jista' jikkumplika b'mod kunsiderevoli l-proċess ta' tneħħija minħabba l-proċeduri ġudizzjarji u l-piena li tirriżulta minnhom.

3. F'dawn il-konklużjonijiet, se nispjega r-raġunijiet għalfejn jiena tal-fehma li l-Istati Membri ma humiex awtorizzati li jibbażaw iż-żamma taħt detenzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz f'sitwazzjoni irregolari fuq raġuni meħuda mill-għan li tiġi ggarantita l-effettività tal-proċedura ta' ritorn imsemmija fid-Direttiva 2008/115 u li jiġġustifikaw din iż-żamma taħt detenzjoni permezz tar-riskju li din il-proċedura tiġi posposta minħabba l-probabbiltà li dan iwettaq atti suġġetti għal sanzjonijiet kriminali.

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU 2008, L 348, p. 98).

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

4. Skont il-punt 7 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/115, ir-riskju ta' ħarba huwa ddefinit bħala "l-eżistenza ta' raġunijiet f'każ individwali li huma bbażati fuq kriterji oġġettivi definiti bil-liġi nazzjonali biex wieħed jemmen li ċittadin ta' pajjiż terz li hu soġġett għal proċeduri ta' ritorn jista' jaħrab".

5. L-Artikolu 15(1) li jinsab fil-Kapitolu IV ta' din id-direttiva, intitolat "Detenzjoni għall-għan ta' tneħħija", jipprovdi:

"1. Dment li ma jistgħux jiġu applikati b'mod effettiv miżuri oħrajn suffiċjenti iżda inqas koersivi fil-każ speċifiku, l-Istati Membri jistgħu biss iżommu f'detenzjoni ċittadin ta' pajjiż terz, li hu suġġett għal proċeduri ta' ritorn biex jitħejja r-ritorn u/jew jitwettaq il-proċess ta' tneħħija, partikolarment meta:

(a) jkun hemm riskju ta' ħarba jew

(b) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat jevita jew ifixkel it-tħejjija tar-ritorn jew il-proċess ta' tneħħija.

Kwalunkwe detenzjoni għandha tkun għal perijodu kemm jista' jkun qasir u għandha tinżamm biss sakemm l-arranġamenti ta' tneħħija jkunu qed isiru u jitwettqu bid-diliġenza dovuta."

B. Id-dritt Estonjan

6. L-Artikolu 6[8] tal-väljasõidukohustuse ja sissesõidukeelu seadus (il-Liġi dwar l-Obbligu ta' Tluq mit-Territorju u l-Projbizzjoni tad-Dħul fit-Territorju)[3], tal-21 ta' Ottubru 1998, intitolat "Riskju ta' ħarba tal-barrani", huwa fformulat kif ġej:

"L-adozzjoni ta' ordni ta' tluq mit-territorju jew iż-żamma taħt detenzjoni ta' barrani jagħtu lok għal evalwazzjoni tar-riskju tiegħu li jaħrab. Barrani jippreżenta riskju li jaħrab meta:

1) huwa ma jkunx telaq mill-Estonja jew Stat Membru tal-Konvenzjoni ta' Schengen wara l-iskadenza tat-terminu għat-tluq volontarju stabbilit bl-ordni biex jitlaq mit-territorju;

2) huwa jkun ipprovda informazzjoni falza jew dokumenti ffalsifikati fl-applikazzjoni għal residenza legali fl-Estonja, fl-applikazzjoni għal estensjoni ta' din ir-residenza, fl-applikazzjoni għaċ-ċittadinanza Estonjana, fl-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jew fl-applikazzjoni għal dokumenti ta' identità;

3) ikun hemm dubju leġittimu dwar l-identità jew in-nazzjonalità tiegħu;

4) huwa jkun ripetutament wettaq reati intenzjonali jew ikun wettaq reat kriminali li għalih ġie kkundannat għal sentenza ta' priġunerija;

[3] RT I 1998, 98, 1575, iktar 'il quddiem il-"VSS". Il-verżjoni applikabbli fil-kawża prinċipali hija dik tas-27 ta' Ġunju 2020 (RT I, 17.06.2020, 3), fis-seħħ sal-14 ta' Lulju 2021.

5) huwa ma jkunx osserva l-miżuri ta' sorveljanza li ttieħdu kontrih sabiex jiżgura l-konformità mal-ordni ta' tluq mit-territorju;

6) huwa jkun għarraf lill-[PPA] jew lill-Kaitsepolitseiamet (l-Aġenzija tas-Sigurtà Interna, l-Estonja) bl-intenzjoni tiegħu li ma jikkonformax mal-ordni li jitlaq mit-territorju, jew l-awtorità amministrattiva tasal għal din il-konklużjoni fid-dawl tal-attitudni u l-imġiba tal-barrani;

7) huwa jkun daħal fl-Estonja matul il-perijodu ta' validità tal-projbizzjoni tad-dħul suġġett għaliha;

8) huwa jkun miżmum taħt detenzjoni minħabba li jkun qasam illegalment il-fruntiera esterna tal-Estonja u ma ngħatax permess jew id-dritt ta' residenza fl-Estonja;

9) huwa jkun ħalla l-post ta' residenza indikat jew Stat Membru ieħor tal-Konvenzjoni ta' Schengen mingħajr awtorizzazzjoni;

10) l-ordni ta' tluq mit-territorju mogħtija lill-barrani ssir eżegwibbli bis-saħħa ta' deċiżjoni ta' qorti."

7. L-Artikolu 7^2 tal-VSS, intitolat "L-iffissar tat-terminu ta' eżekuzzjoni tal-ordni ta' tluq mit-territorju", jistabbilixxi:

"[…]

(2) Huwa possibbli li ma jiġix stabbilit terminu għat-tluq volontarju u li l-ordni biex jitlaq mit-territorju eżegwita immedjatament meta:

1) il-barrani jippreżenta riskju ta' ħarba;

[…]

4) il-barrani jikkostitwixxi perikolu għall-ordni pubbliku jew is-sigurtà nazzjonali;

[…]"

8. Skont l-Artikolu 7^3(2) tal-VSS, "[l]-eżekuzzjoni forzata tal-ordni biex jitlaq mit-territorju mogħtija lill-barrani twassal għaż-żamma tiegħu taħt detenzjoni u t-tneħħija tiegħu mill-Estonja".

9. L-Artikolu 15 tal-VSS, intitolat "Detenzjoni tal-barrani u arranġamenti ta' tkeċċija", jipprovdi:

"(1) Il-barrani jista' jinżamm taħt detenzjoni taħt il-paragrafu 2 iktar 'l isfel meta l-miżuri ta' sorveljanza previsti minn din il-liġi ma jkunux jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv. Iż-żamma taħt detenzjoni għandha tkun konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità u għandha tqis, f'kull każ, l-elementi rilevanti marbuta mal-barrani.

(2) Il-barrani jista' jinżamm taħt detenzjoni meta l-applikazzjoni tal-miżuri ta' sorveljanza previsti minn din il-liġi ma tkunx tiggarantixxi l-eżekuzzjoni effettiva tal-ordni ta' tluq mit-territorju u, b'mod partikolari, meta:

1) ikun hemm riskju ta' ħarba mill-barrani;

2) il-barrani ma jaqdix id-dmir tiegħu ta' kooperazzjoni, jew

3) il-barrani ma jkunx fil-pussess tad-dokumenti meħtieġa għall-vjaġġ tar-ritorn jew meta dawn id-dokumenti jdumu biex jinkisbu mill-pajjiż ospitanti jew ta' tranżitu.

[…]"

III. Il-fatti tal-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

10. I.L., ċittadin Moldovan, imwieled fl-1993 fir-Russja, irrisjeda fl-Estonja taħt eżenzjoni mill-viża. Fit-12 ta' Ottubru 2020, huwa nżamm taħt detenzjoni bħala persuna ssuspettata li kkawżat tbatijiet fiżiċi u ħsara għas-saħħa lis-sieħba tiegħu u kif ukoll lil mara oħra.

11. Permezz ta' sentenza tat-13 ta' Ottubru 2020, il-Harju Maakohus (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Harju, l-Estonja) iddikjarat lil I.L. ħati ta' atti li kien akkużat bihom, ikkwalifikati bħala offiżi fuq il-persuna fis-sens tal-Kodiċi Kriminali Estonjan, u mhux ta' atti ta' theddid, li s-sieħba tiegħu kienet iddikjarat li kienet vittma tagħhom. Din il-qorti kkundannat lil I.L. għal sentenza ta' priġunerija ta' sena, xahar u tmienja u għoxrin jum, flimkien ma' perijodu ta' probation ta' sentejn, u ordnat il-ħelsien immedjat tiegħu.

12. Fl-istess jum, il-PPA temm ir-residenza ta' I.L. b'mod antiċipat, imbagħad ordna, fil-bini tal-Harju Maakohus (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Harju), iż-żamma taħt detenzjoni ta' I.L., skont il-punt 1 tal-Artikolu 15(2) tal-VSS.

13. Din id-deċiżjoni ttieħdet fid-dawl tal-attitudni ta' I.L. fir-rigward tar-reat kriminali mwettaq u l-imġiba tiegħu wara l-kundanna tiegħu, minn fejn irriżulta li kien hemm raġunijiet biex wieħed jaħseb li hu seta' jfittex li jevita t-tneħħija, minkejja l-wegħda tiegħu li jħalli l-pajjiż b'mod volontarju u t-talba tiegħu li jingħata ordni ta' tluq volontarju.

14. Għal darba oħra fit-13 ta' Ottubru 2020, il-PPA ħareġ kontra I.L. ordni biex jitlaq mill-Estonja immedjatament, suġġetta għal eżekuzzjoni forzata, skont l-Artikolu 7^2(1) u 4 tal-VSS, għar-raġuni li huwa kien qiegħed jirrisjedi hemm irregolarment.

15. Permezz ta' digriet tal-15 ta' Ottubru 2020, wara li laqgħet it-talba tal-PPA, it-Tallinna Halduskohus (il-Qorti Amministrattiva ta' Tallinn, l-Estonja) awtorizzat id-detenzjoni ta' I.L. sad-data tat-tneħħija tiegħu, stabbilita għal mhux iktar tard mill-15 ta' Diċembru 2020. I.L kien is-suġġett ta' tneħħija mill-Estonja lejn il-Moldova fit-23 ta' Novembru 2020.

16. Id-deċiżjoni ta' żamma taħt detenzjoni ġiet ikkonfermata b'digriet tat-2 ta' Diċembru 2020, mogħti mit-Tallinna Ringkonnakohus (il-Qorti tal-Appell ta' Tallinn, l-Estonja), li ddeċieda r-rikors ippreżentat minn I.L. għall-iskop tal-annullament tal-imsemmija deċiżjoni u sabiex jingħata l-libertà.

17. Adita b'appell minn dan id-digriet tal-aħħar, fejn intalab l-annullament tiegħu u l-konstatazzjoni tal-illegalità taż-żamma taħt detenzjoni, il-qorti tar-rinviju tqis, fl-ewwel lok, li d-detenzjoni ma setgħetx tiġi ġġustifikata mir-riskju ta' ħarba ta' I.L., abbażi tal-punt 1 tal-Artikolu 15(2) tal-VSS. Hija tfakkar li l-kriterji għal tali riskju huma stabbiliti b'mod eżawrjenti fl-Artikolu 6[8] ta' din il-liġi u eżaminati fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari ta' kull każ. Issa, dik il-qorti tqis li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-kriterji stabbiliti fil-punti 1 u 4 ta' dan l-artikolu ma ġewx issodisfatti f'dan il-każ. F'dan ir-rigward, l-imsemmija qorti tikkonstata l-assenza, minn naħa, ta' ordni bil-miktub għat-tluq mit-territorju bl-għoti ta' terminu għat-tluq volontarju lill-persuna kkonċernata u, min-naħa l-oħra, ta' kundanna kriminali definittiva fil-mument tal-awtorizzazzjoni għaż-żamma taħt detenzjoni.

18. Il-qorti tar-rinviju tippreċiża, barra minn hekk, li l-punt 6 tal-Artikolu 6[8] tal-VSS huwa wkoll inapplikabbli għar-raġuni li l-intenzjoni li ma jiġix osservat att amministrattiv ma tistax tiġi awtomatikament dedotta minn dikjarazzjonijiet li l-persuna kkonċernata għamlet waqt is-smigħ tagħha fil-qafas ta' proċedura amministrattiva għall-ħruġ ta' ordni biex jitlaq mit-territorju, sakemm ma jkunx hemm ċirkustanzi oħra li jindikaw li huwa f'riskju li jevadi t-tneħħija. Ir-riskju ta' ħarba lanqas ma jirriżulta mill-fatt li, f'dan il-każ, waqt is-seduta quddiem il-qorti amministrattiva, l-individwu kkonċernat kien esprima x-xewqa li jieħu f'idejh l-affarijiet tiegħu li kienu għadhom għand is-sieħba tiegħu u li jieħu s-salarju dovut mill-persuna li timpjegah.

19. Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju tesponi li ma jistax jiġi eskluż li s-sitwazzjoni inkwistjoni tista' tikkorrispondi, pereżempju, mar-raġuni msemmija fl-Artikolu 15(1)(b) tad-Direttiva tal-2008/115, li ma ġiex traspost bl-istess kliem fil-punti 2 u 3 tal-Artikolu 15(2) tal-VSS, iżda d-drittijiet tal-persuna kkonċernata ma jistgħux jiġu ristretti direttament fuq il-bażi ta' din id-direttiva, anki jekk għandha effett dirett.

20. Konsegwentement, il-qorti tar-rinviju tqis li l-legalità taż-żamma taħt detenzjoni ta' I.L. tiddependi fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 15(2) tal-VSS li jinkludi, fil-punti 1 sa 3, l-enumerazzjoni tar-raġunijiet għal tali żamma, preċeduta mill-espressjoni "b'mod partikolari, meta". Waqt li jitqies, fid-dawl ta' dan il-kliem, li hija lista ta' raġunijiet mogħtija bħala eżempju, dik il-qorti hija tal-fehma li ż-żamma taħt detenzjoni ta' I.L. tista' tkun ibbażata fuq il-kundizzjoni ġenerali stabbilita fl-Artikolu 15(2) tal-VSS. Din iż-żamma tkun, għalhekk, iġġustifikata mill-fatt li "l-eżekuzzjoni effettiva tal-ordni ta' tluq mit-territorju" tkun kompromessa. Il-legalità ta' din il-miżura għandha tiġi evalwata wkoll skont il-prinċipji stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu.

21. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tenfasizza li, minħabba l-prossimità fiż-żmien tal-avvenimenti fil-kawża inkwistjoni u n-natura tar-reat imwettaq minn I.L., kien hemm biżżejjed raġunijiet biex wieħed jaħseb li huwa seta' jfittex għal darb'oħra biex isolvi l-kunflitt li kellu mas-sieħba tiegħu. Għaldaqstant, dik il-qorti tqis li kien hemm riskju reali li, matul il-perijodu ta' libertà ta' qabel it-tneħħija tiegħu, I.L. iwettaq reat kriminali. Issa, il-konstatazzjoni u s-sanzjoni permezz ta' deċiżjoni tal-qorti ta' tali reat u, skont il-każ, l-eżekuzzjoni tal-piena mogħtija huma ta' natura li jipposponu l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tneħħija għal data indeterminata, u b'hekk jikkumplikaw b'mod kunsiderevoli dan il-proċess. Barra minn hekk, minħabba s-sitwazzjoni personali u materjali ta' I.L., il-miżuri ta' sorveljanza previsti fl-Artikolu 10(2) tal-VSS ma jippermettux li tiġi ggarantita b'mod daqstant effettiv l-eżekuzzjoni tat-tneħħija.

22. Madankollu, peress li l-Artikolu 15 tal-VSS għandu l-għan li jittrasponi l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2008/115, il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar l-interpretazzjoni tiegħu, għar-raġuni li l-Qorti tal-Ġustizzja għadha ma ddeċidietx fuq il-punt dwar jekk waħda mill-kundizzjonijiet elenkati minn din id-dispożizzjoni għandhiex tiġi ssodisfatta jew jekk l-għan li tiġi ggarantita l-eżekuzzjoni effettiva tat-tneħħija jistax ikun biżżejjed biex jiġġustifika ż-żamma taħt detenzjoni meta riskju reali ta' twettiq ta' reat mill-persuna kkonċernata jista' jikkomplika b'mod kunsiderevoli dan il-proċess.

23. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-Riigikohus (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"L-ewwel sentenza tal-Artikolu 15(3) tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment għandha tiġi interpretata fis-sens li l-Istati Membri jistgħu jżommu taħt detenzjoni ċittadin ta' pajjiż terz li, sakemm ikun jinsab liberu qabel ma jitneħħa, jippreżenta riskju reali li jwettaq delitt li l-investigazzjoni u s-sanzjoni tiegħu jistgħu jikkomplikaw b'mod kunsiderevoli l-proċess ta' tneħħija?"

24. Il-Gvern Estonjan u l-Gvern Spanjol kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. Dawn il-partijiet għamlu wkoll l-osservazzjonijiet orali tagħhom waqt is-seduta li nżammet fis-17 ta' Marzu 2022.

IV. Analiżi

25. Permezz tad-domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju trid tkun taf jekk l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2008/115 għandux jiġi interpretat fis-sens li ż-żamma taħt detenzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz residenti irregolarment tistax tiġi ġġustifikata minn riskju reali li huwa se jwettaq reat kriminali ta' natura li jikkomprommetti l-eżekuzzjoni effettiva tat-tneħħija tiegħu.

26. Din id-domanda tirriżulta mill-konstatazzjoni tal-qorti tar-rinviju li s-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tippermettix, sabiex tiġi ġġustifikata ż-żamma taħt detenzjoni tal-persuna kkonċernata, li tintlaqa' r-raġuni tar-riskju ta' ħarba previst mill-VSS.

27. Fid-dawl tal-osservazzjonijiet bil-miktub magħmula f'dan ir-rigward mill-Gvern Estonjan [4] u dak Spanjol [5], infakkar, minn naħa, li ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tqiegħed f'dubju il-kunsiderazzjonijiet tal-fatti u l-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali mill-qorti tar-rinviju [6].

28. Min-naħa l-oħra, id-diskussjoni lanqas ma tista' tirrigwarda l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(1)(b) tad-Direttiva 2008/115 għar-raġuni li l-prinċipju ta' ċertezza legali jipprekludi li d-direttivi jkunu jistgħu, minnhom innifishom, joħolqu obbligi għal individwu [7].

[4] Il-Gvern Estonjan iqis li d-deċiżjoni tal-qorti tar-rinviju dwar l-assenza ta' riskju ta' ħarba tal-persuna kkonċernata ma hijiex iġġustifikata.

[5] Il-Gvern Spanjol ried jenfasizza li, mill-perspettiva tiegħu, ir-raġuni msemmija fl-Artikolu 15(1)(b) tad-Direttiva 2008/115 effettivament tippermetti d-detenzjoni fiċ-ċirkustanzi tal-każ.

[6] Ara s-sentenza tal-10 ta' Ġunju 2021, Ultimo Portfolio Investment (Luxembourg) (C-303/20, EU:C:2021:479, punt 25).

[7] Ara, għall-kuntrarju, fir-rigward tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 16(1) ta' din id-direttiva, is-sentenza tal-10 ta' Marzu 2022, Landkreis Gifhorn (C-519/20, iktar 'il quddiem is-"sentenza Landkreis Gifhorn", EU:C:2022:178, punt 100).

Direttiva għalhekk ma tistax tiġi invokata bħala tali kontra dan tal-aħħar [8]. Madankollu, din il-konstatazzjoni qiegħda ssir mingħajr preġudizzju għar-rekwiżit għall-awtoritajiet kollha ta' Stat Membru, meta japplikaw id-dritt nazzjonali, li jinterpretawh kemm jista' jkun fid-dawl tat-test u tal-għan tad-direttivi, sabiex jinkiseb ir-riżultat imfittex minn dawn tal-aħħar, b'mod li l-imsemmija awtoritajiet għalhekk ikunu jistgħu jinvokaw interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali fil-konfront ta' individwi [9].

29. Issa, għar-raġunijiet relatati mal-portata tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2008/115 li ser nispjega, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu b'mod preċiż ir-raġunijiet li jiġġustifikaw iż-żamma taħt detenzjoni, irrispettivament minn jekk humiex jew le previsti minn din id-direttiva.

A. Fuq in-natura eżawrjenti jew le tar-raġunijiet għaż-żamma taħt detenzjoni stabbiliti fl-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2008/115

30. Jiena tal-fehma, bħall-partijiet kollha li ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom, li l-kliem ta' din id-dispożizzjoni jeħtieġ li jitqies li d-Direttiva 2008/115 tistabbilixxi, bħala eżempju, raġunijiet li jippermettu ż-żamma taħt detenzjoni ta' persuna li hija s-suġġett ta' proċedura ta' ritorn. Dawn ir-raġunijiet huma r-riskju ta' ħarba jew li tiġi evitata jew li tiġi prekluża t-tħejjija tar-ritorn jew tal-proċedura tat-tneħħija. Huwa biżżejjed, fil-fehma tiegħi, li nirrileva li l-espressjoni "partikolarment" tippreċedi l-enumerazzjoni li tidher fl-Artikolu 15(1)(a) u (b) ta' din id-direttiva [10] u tindika b'mod ċar li l-lista ta' dawn ir-raġunijiet imsemmija ma hijiex eżawrjenti.

31. L-għażla tal-leġiżlatur tal-Unjoni hija ġġustifikata mill-għan tad-Direttiva 2008/115, li tistabbilixxi l-obbligu għall-Istati Membri li jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw ir-ritorn taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti irregolarment [11].

32. Din l-analiżi tal-portata tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2008/115 hija koerenti mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2013/33/UE [12], fejn kull waħda mir-raġunijiet li tista' tiġġustifika ż-żamma taħt detenzjoni ta' applikant għall-protezzjoni internazzjonali, elenkati b'mod eżawrjenti minn din id-dispożizzjoni, tissodisfa ħtieġa speċifika u hija ta' natura awtonoma [13].

[8] Ara s-sentenzi tas-26 ta' Frar 1986, Marshall (152/84, EU:C:1986:84, punt 48), u tal-5 ta' Ottubru 2004, Pfeiffer *et* (C-397/01 sa C-403/01, EU:C:2004:584, punt 108).

[9] Ara s-sentenzi tal-5 ta' Lulju 2007, Kofoed (C-321/05, EU:C:2007:408, punti 42 u 45, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata), u tas-26 ta' Frar 2019, N Luxembourg 1 *et* (C-115/16, C-118/16, C-119/16 u C-299/16, EU:C:2019:134, punti 114 u 115).

[10] Dwar il-konkordanza ta' verżjonijiet lingwistiċi oħra mal-verżjoni tal-lingwa Estonjana, ara, b'mod partikolari, il-verżjonijiet bil-lingwa Ġermaniża, Spanjola, Taljana, Pollakka u Ingliża li stajt nivverifika. Ara wkoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2338 tas-16 ta' Novembru 2017 li tistabbilixxi "Manwal dwar ir-Ritorn" li għandu jintuża mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri meta jkunu qed iwettqu l-kompiti relatati mar-ritorn (ĠU 2017, L 339, p. 83, b'mod partikolari p. 140, punt 14.1(1) u (2), iktar 'il quddiem il-"Manwal dwar ir-Ritorn"), li jispeċifika li "dawn iż-żewġ każijiet konkreti [imsemmija fl-Artikolu 15(1)(a) u (b) tad-Direttiva 2008/115] [i]kopru x-xenarji ewlenin li wieħed jiltaqa' magħhom fil-prattika li jiġġustifikaw detenzjoni sabiex jitħejja u jiġi organizzat ir-ritorn u jitwettaq il-proċess ta' tneħħija".

[11] Ara s-sentenza tal-24 ta' Frar 2021, M *et* (Trasferiment lejn Stat Membru) (C-673/19, EU:C:2021:127, punt 28).

[12] Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013, L 180, p. 96).

[13] Ara s-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali) (C-808/18, EU:C:2020:1029, punt 168 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33. L-istess jgħodd għall-Artikolu 28(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 [14], li jipprevedi raġuni unika għal detenzjoni, jiġifieri dik tar-riskju mhux insinjifikattiv li l-persuna kkonċernata taħrab [15].

34. Konsegwentement, l-Istati Membri huma liberi li jadottaw raġunijiet oħrajn ta' detenzjoni minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2008/115 u li jiddefinixxu l-kriterji ta' applikazzjoni tagħhom, sakemm jissodisfaw l-għanijiet segwiti minn din id-direttiva.

35. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar b'mod kostanti li din id-direttiva għandha l-għan li tistabbilixxi politika effettiva ta' tneħħija u ripatrijazzjoni b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali u tad-dinjità tal-persuni kkonċernati [16].

36. Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza wkoll li d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IV tal-istess direttiva jirregolaw b'mod strett kull detenzjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, sabiex jiġu ggarantiti, minn naħa, l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità fir-rigward tal-mezzi użati u l-għanijiet segwiti u, min-naħa l-oħra, ir-rispett tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini kkonċernati ta' pajjiżi terzi [17].

37. Huwa f'dan il-kuntest li l-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, dwar il-konformità mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2008/115 ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li sempliċement, sabiex tipprovdi bażi għal żamma taħt detenzjoni, tiddikjara l-għan li tiġi ggarantita l-eżekuzzjoni effettiva ta' ordni ta' ħruġ mit-territorju, mingħajr, barra minn hekk, ma tipprevedi kriterji preċiżi.

B. Fuq id-determinazzjoni tar-raġunijiet għad-detenzjoni minn kull Stat Membru

38. Fin-nuqqas ta' preċiżjoni fid-Direttiva 2008/115 fir-rigward tal-limiti li fihom l-Istati Membri jistgħu jżidu raġunijiet għal detenzjoni ma' dawk stabbiliti fl-Artikolu 15(1) ta' din id-direttiva, jew saħansitra jadattawhom, ir-risposta għad-domanda tal-qorti tar-rinviju tirriżulta minn interpretazzjoni teleoloġika ta' din id-dispożizzjoni, li tippermetti li jiġu identifikati l-prinċipji applikabbli u l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tagħhom.

39. Fil-fehma tiegħi, diversi prinċipji għandhom jiggwidaw l-għażla tal-Istati Membri. Fl-ewwel lok, ir-rekwiżit, espress mill-bidu tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2008/115, tal-użu prinċipali ta' miżuri l-inqas koerċittivi jirrifletti r-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni, imfisser fil-premessa 16 ta' din id-direttiva, li jillimita strettament il-każijiet ta' detenzjoni [18]. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "l-ordni ta' eżekuzzjoni tal-istadji tal-proċedura ta' ritorn stabbilita

[14] Regolament (UE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (ĠU 2013, L 180, p. 31), imsejjaħ ukoll ir-"Regolament Dublin III".

[15] Ara s-sentenza tat-13 ta' Settembru 2017, Khir Amayry (C-60/16, EU:C:2017:675, punt 25). Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Istati Membri ma jistgħux iqiegħdu persuna taħt detenzjoni, sabiex jiggarantixxu l-proċeduri ta' trasferiment, sempliċement għax tkun is-suġġett tal-proċedura stabbilita minn dan ir-regolament.

[16] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Landkreis Gifhorn (punt 39), kif ukoll il-konklużjonijiet tiegħi tat-3 ta' Marzu 2022 fil-kawża Sofiyska rayonna prokuratura *et* (Proċess ta' akkużat imneħħi mit-territorju) (C-420/20, EU:C:2022:157, punti 80 u 81).

[17] Ara s-sentenza Landkreis Gifhorn (punt 40).

[18] Fir-rigward tal-prinċipju li d-detenzjoni hija miżura tal-aħħar għażla, ara r-referenzi Ewropej iċċitati fil-konklużjonijiet tiegħi f'Landkreis Gifhorn (C-519/20, EU:C:2021:958, punt 34). Ara wkoll l-Anness tar-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti 74/195 tad-19 ta' Diċembru 2018 intitolat "Patt Globali għal Migrazzjoni Sigura, Ordnata u Regolari", imsejjaħ ukoll "Patt ta' Marrakexx dwar il-Migrazzjoni", li jistieden lill-Istati biex "jirrikorru għad-detenzjoni amministrattiva tal-migranti biss bħala l-aħħar għażla u biex ifittxu soluzzjonijiet alternattivi" (għan 13).

bid-Direttiva 2008/115 tikkorrispondi mal-gradazzjoni tal-miżuri li għandhom jittieħdu fid-dawl tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn, gradazzjoni li tmur mill-miżura li tħalli l-iktar libertà lill-persuna kkonċernata, jiġifieri l-għoti ta' terminu għat-tluq volontarju, għall-miżuri restrittivi li jillimitawha l-iktar, jiġifieri d-detenzjoni f'ċentru speċjalizzat, fejn l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità għandha tiġi dejjem żgurata matul dawn l-istadji kollha" [19].

40. Għaldaqstant, huwa biss fejn fil-każ li l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn fil-forma ta' tneħħija tirriskja, fid-dawl ta' evalwazzjoni ta' kull sitwazzjoni speċifika, li tiġi kompromessa mill-aġir tal-persuna kkonċernata li l-Istati Membri jistgħu jċaħħduha mil-libertà tagħha permezz ta' detenzjoni [20] u għandhom iqisu kriterji oġġettivi [21].

41. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li "meta tiġi ordnata għal finijiet ta' tneħħija, id-detenzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz residenti irregolarment hija intiża biss sabiex tiżgura l-effettività tal-proċedura ta' ritorn u ma għandha ebda għan punittiv" [22].

42. Fit-tieni lok, l-indħil gravi li tikkostitwixxi d-deċiżjoni ta' żamma taħt detenzjoni fuq id-dritt għal-libertà, sanċit fl-Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [23], huwa suġġett għall-osservanza ta' garanziji stretti, jiġifieri l-eżistenza ta' bażi legali, iċ-ċarezza, il-prevedibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-protezzjoni kontra l-arbitrarjetà [24]. Għalhekk, l-implimentazzjoni ta' miżura ta' ċaħda tal-libertà, biex tissodisfa dawn ir-rekwiżiti, timplika, b'mod partikolari, li tkun ħielsa minn kull element ta' *mala fide* jew qerq min-naħa tal-awtoritajiet [25].

43. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fir-rigward tar-riskju ta' ħarba, li l-kriterji oġġettivi li d-dritt nazzjonali għandu jiddefinixxi, sabiex l-awtoritajiet ikkonċernati jkunu jistgħu jevalwaw l-eżistenza ta' tali riskju, joffru l-garanziji neċessarji, billi din l-evalwazzjoni tidħol fil-qafas ta' ċerti limiti stabbiliti minn qabel. Għalhekk, dawn il-kriterji għandhom jiġu ddefiniti b'att vinkolanti u prevedibbli fl-applikazzjoni tiegħu [26].

44. Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-sentenza tat-30 ta' Novembru 2009, Kadzoev [27], li l-possibbiltà li persuna tinżamm taħt detenzjoni għal raġunijiet ta' ordni pubbliku u sigurtà pubblika ma tistax issib il-bażi tagħha fid-Direttiva 2008/115 [28].

[19] Sentenza tat-28 ta' April 2011, El Dridi (C-61/11 PPU, EU:C:2011:268, punt 41). Ara, ukoll, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali) (C-808/18, EU:C:2020:1029, punt 248 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[20] Ara s-sentenza Landkreis Gifhorn (punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[21] Ara s-sentenza tat-2 ta' Lulju 2020, Stadt Frankfurt am Main (C-18/19, EU:C:2020:511, punt 38).

[22] Sentenza Landkreis Gifhorn (punt 38).

[23] Ara s-sentenza Landkreis Gifhorn (punt 41).

[24] Ara s-sentenzi tal-15 ta' Marzu 2017, Al Chodor (C-528/15, EU:C:2017:213, punti 38 u 40), kif ukoll tas-17 ta' Settembru 2020, JZ (Priġunerija f'każ ta' projbizzjoni ta' dħul) (C-806/18, EU:C:2020:724, punt 41), din tal-aħħar hija l-iktar sentenza reċenti li tikkwota s-sentenza tal-QEDB tal-21 ta' Ottubru 2013, Del Río Prada vs Spanja (CE:ECHR:2013:1021JUD 004275009, punt 125), li l-Qorti tal-Ġustizzja normalment tirreferi għaliha. Fir-rigward tat-tfakkira stabbilita, fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-proċedura ta' ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, tal-qafas strett ta' detenzjoni bil-għan li jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet fundamentali tagħhom, ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-28 ta' April 2011, El Dridi (C-61/11 PPU, EU:C:2011:268, punt 42), tal-5 ta' Ġunju 2014, Mahdi (C-146/14 PPU, EU:C:2014:1320, punt 55), u tas-7 ta' Ġunju 2016, Affum (C-47/15, EU:C:2016:408, punt 62), kif ukoll is-sentenza Landkreis Gifhorn (punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[25] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-15 ta' Marzu 2017, Al Chodor (C-528/15, EU:C:2017:213, punt 39).

[26] Ara s-sentenza tal-15 ta' Marzu 2017, Al Chodor (C 528/15, EU:C:2017:213, punti 41 u 42), li tinterpreta l-kunċett ta' "riskju ta' ħarba" fuq il-bażi tad-definizzjoni li tidher fl-Artikolu 2(n) tar-Regolament Nru 604/2013, li jirreferi għad-dritt nazzjonali għad-definizzjoni tal-kriterji oġġettivi ta' riskju ta' ħarba. Il-kliem tiegħu huwa sostanzjalment identiku għal dak tad-definizzjoni stabbilita fil-punt 7 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/115.

[27] C-357/09 PPU, EU:C:2009:741.

[28] Ara l-punt 70 ta' din is-sentenza.

45. Ċertament, kif enfasizza l-Gvern Estonjan, din l-interpretazzjoni ġiet esposta f'każ partikolari dwar it-tul ta' detenzjoni fin-nuqqas ta' prospettiva raġonevoli ta' tneħħija tal-persuna li neħħiet il-kawża tad-detenzjoni. Madankollu, id-deċiżjoni tal-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja li teskludi tali raġunijiet ġiet ifformulata f'termini ġenerali. Hija bbażata fuq il-limitazzjoni stretta tal-użu taċ-ċaħda tal-libertà ta' persuna, f'konformità ma' dispożizzjonijiet oħra tad-Direttiva 2008/115 li jipprovdu għal raġuni bbażata fuq l-ordni pubbliku, b'differenza mill-Artikolu 15(1) ta' din id-direttiva [29].

46. Fil-fehma tiegħi, diġà jista' jiġi dedott mill-qafas ġenerali vinkolanti li għadni kif fakkart li l-Istati Membri jistgħu jissupplimentaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2008/115 billi jipprovdu raġunijiet oħra għal detenzjoni ddefiniti preċiżament mil-liġi, li jkunu bbażati fuq elementi oġġettivi, konkreti, reali u attwali [30].

47. Fil-fehma tiegħi, dawn ir-rekwiżiti probatorji jistgħu, barra minn hekk, jiġu dedotti mir-raġuni ta' detenzjoni stabbilita fl-Artikolu 15(1)(a) ta' din id-direttiva, jiġifieri r-riskju ta' ħarba, kif iddefinit fil-punt 7 tal-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva, u minn dik imsemmija fl-Artikolu 15(1)(b), jiġifieri l-fatt li l-persuna kkonċernata "tevita" jew "tfixkel" it-tħejjija tar-ritorn jew tal-proċedura ta' tkeċċija. Dan il-kliem jimplika li dawn ir-riskji seħħew u ġew ikkonstatati. Għalhekk, ma kienx previst li tittieħed inkunsiderazzjoni biss l-intenzjoni tal-persuna kkonċernata, fl-assenza ta' elementi tanġibbli.

48. Fil-fatt, ma jkunx konformi mal-prinċipju ta' ċertezza legali li jiġi aċċettat li d-detenzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz f'sitwazzjoni irregolari tista' tiġi deċiża fuq il-bażi ta' raġunijiet impreċiżi, li ma humiex ibbażati fuq kriterji oġġettivi, stabbiliti minn qabel f'att vinkolanti u prevedibbli fl-applikazzjoni tiegħu.

49. Konsegwentement, naqbel mal-analiżi tal-Kummissjoni li l-ewwel sentenza tal-Artikolu 15(2) tal-VSS ma tikkostitwixxix bażi legali suffiċjenti sabiex tiġġustifika żamma taħt detenzjoni.

50. Fil-fatt din id-dispożizzjoni hija fformulata kif ġej: "Il-barrani jista' jinżamm taħt detenzjoni meta l-applikazzjoni tal-miżuri ta' sorveljanza previsti minn din il-liġi *ma tiggarantixxix l-eżekuzzjoni effettiva tal-ordni ta' tluq mit-territorju* u, b'mod partikolari, meta […]" [31]. Dan ir-riferiment għal nuqqas ta' garanzija tal-eżekuzzjoni effettiva tal-ordni ta' tluq mit-territorju għalhekk ma jiddefinixxix raġuni konkreta għaż-żamma taħt detenzjoni, bħar-riskju ta' ħarba jew l-assenza ta' kooperazzjoni mill-barrani, li huma msemmijin hemm bħala eżempji wara din is-sentenza, fil-punti 1 u 2 rispettivament. Din id-dikjarazzjoni sempliċement ittenni l-kundizzjoni essenzjali għall-użu ta' miżura ta' detenzjoni, li diġà tidher fl-Artikolu 15(1) tal-VSS, jiġifieri l-ineffettività tal-miżuri ta' sorveljanza fid-dawl tal-eżekuzzjoni tal-ordni ta' ritorn.

51. Barra minn hekk, l-eżistenza ta' riskju serju li l-persuna kkonċernata twettaq reat kriminali qabel it-tneħħija tagħha ma tistax tagħmel tajjeb għall-impreċiżjoni ta' din ir-raġuni ġenerali għall-użu tad-detenzjoni.

[29] Fid-Direttiva 2008/115, kunsiderazzjonijiet ta' ordni pubbliku jew sigurtà nazzjonali jissemmew b'mod espliċitu fl-Artikolu 6(2) fir-rigward tad-deċiżjoni ta' ritorn, fl-Artikolu 7(4) dwar il-kundizzjonijiet ta' rifjut jew tnaqqis ta' perijodu ta' tluq volontarju (ara s-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2015, Zh. u O. (C-554/13, EU:C:2015:377, punti 50 sa 52, kif ukoll il-punti 60 u 62)), u fl-Artikolu 11(2) u (3) dwar projbizzjonijiet ta' dħul.

[30] Ara, f'dan ir-rigward, il-Manwal dwar ir-Ritorn (p. 92 u 93), li fih huma stabbiliti l-kriterji li jistgħu jindikaw l-eżistenza ta' riskju ta' ħarba u hija mfakkra l-possibbiltà għall-Istati Membri li jikkwalifikaw fil-leġiżlazzjoni nazzjonali ċerti ċirkustanzi oġġettivi ta' preżunzjoni konfutabbli.

[31] Il-korsiv huwa tiegħi.

52. Minn naħa, tali kriterju ma għandux bażi legali. Il-kunsiderazzjoni li eżami każ b'każ jista' jkun biżżejjed biex jiġġustifika żamma taħt detenzjoni fuq il-bażi tal-għan segwit, kif issuġġerit matul is-seduta mill-Gvern Spanjol insostenn tal-argumenti tal-Gvern Estonjan, ma tistax tiġi aċċettata peress li din tkun tammonta għal żieda ta' raġuni ġdida għal detenzjoni fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2008/115, mingħajr ma jkun issodisfatt ir-rekwiżit ta' ċertezza legali [32].

53. Min-naħa l-oħra, il-kunċett ta' "*riskju li jitwettaq* reat kriminali" qabel it-tneħħija, li jiġġustifika d-detenzjoni, iqajjem mistoqsijiet serji.

54. Fil-fehma tiegħi, għandu jiġi enfasizzat li t-talba għal deċiżjoni preliminari ma tirrigwardax reat kriminali li twettaq jew li allegatament twettaq mill-persuna kkonċernata, iżda reat li jista' jitwettaq. Għalhekk din tirrigwarda l-probabbiltà li jitwettaq reat fil-futur qrib.

55. Dan ix-xenarju huwa ferm differenti minn dawk li fuq il-bażi tagħhom il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet meta proċedura kriminali tkun għaddejja, jew fl-istadju ta' investigazzjoni jew inkella fl-istadju tas-sentenza, billi tistabbilixxi, barra minn hekk, livell strett ta' ħtieġa [33] u li jassumu li r-reat diġà twettaq. Kif qed nifhem jien l-ipoteżi prevista, lanqas ma hija kwistjoni li tinżamm bħala kriterju l-eżistenza ta' atti preparatorji għat-twettiq ta' reat jew ta' indizji konkreti li l-persuna kkonċernata tirrappreżenta perikolu sinjifikattiv għall-ħajja u l-integrità personali ta' terzi jew għal proprjetà speċifika [34].

56. Jiena nosserva, fl-ewwel lok, li r-raġuni mogħtija mill-awtoritajiet Estonjani hija mmirata biex tevita mhux li l-persuna kkonċernata tevita l-miżura ta' tneħħija, iżda biss biex din il-miżura tiġi ttardjata jew ikkumplikata minħabba l-iżvolġiment tal-proċedura kriminali li tkun sussegwenti għat-twettiq tar-reat [35]. Fil-fatt, f'dan il-każ, il-persuna kkonċernata tibqa' taħt il-kontroll tal-awtoritajiet kompetenti. Barra minn hekk, jidhirli li huwa diffiċilment konċepibbli – anki jekk mhux impossibbli – li dan juri intenzjoni li jwettaq reat bl-uniku għan li jikkompromett i t-tneħħija tiegħu. Huwa wkoll għal din ir-raġuni li nikkunsidra li l-proposta tal-Gvern Spanjol, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, li jirreferi għall-Artikolu 15(1)(b) tad-Direttiva 2008/115 ma tistax tiġi milqugħa.

57. Fit-tieni lok, xejn ma huwa iktar suġġettiv minn *riskju* ta' ksur ta' regola soċjali suġġetta għal sanzjoni kriminali, li kull individwu jista' jaffaċċja, anki jekk kundanna kriminali preċedenti tkun ingħatat jew ġiet eżegwita. Fil-fehma tiegħi, ir-riskju li jitwettaq reat, jew saħansitra li jiġi rripetut, huwa ta' ordni divinatorju jekk ma jistax jirriżulta minn elementi materjali, b'differenza,

[32] Għalkemm id-deċiżjonijiet ta' żamma taħt detenzjoni jridu jittieħdu fuq bażi ta' każ b'każ skont l-imġiba tal-persuna kkonċernata, dawn għandhom madankollu jqisu kriterji oġġettivi. Ara s-sentenza tal-14 ta' Mejju 2020, Országos Idegenrendészeti Főigazgatóság Dél-alföldi Regionális Igazgatóság (C-924/19 PPU u C-925/19 PPU, EU:C:2020:367, punt 274 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll is-sentenza Landkreis Gifhorn (punt 37).

[33] Ara s-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2015, Zh. u O. (C-554/13, EU:C:2015:377, punti 50 sa 52, kif ukoll il-punti 60 u 62), fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2008/115 dwar il-kundizzjonijiet għar-rifjut jew it-tnaqqis ta' perijodu ta' tluq volontarju, inkluża l-eżistenza ta' perikolu għall-ordni pubbliku. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kunċett ta' "riskju għall-ordni pubbliku" jippresupponi, *minbarra perikolu għall-ordni soċjali li jikkostitwixxi kwalunkwe ksur tal-liġi*, l-eżistenza ta' theddida reali, attwali u serja biżżejjed, li taffettwa interess fundamentali tas-soċjetà (punt 60). Hija speċifikat, ukoll li, sabiex tiġi evalwata din it-theddida *meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ikun issuspettat li wettaq att punibbli* kklassifikat bħala delitt jew reat fid-dritt nazzjonali *jew li kien suġġett għal sentenza kriminali għal tali att*, in-natura u l-gravità ta' dan l-att kif ukoll iż-żmien li għadda mit-twettiq tiegħu jistgħu jkunu elementi rilevanti (punt 62). Ara wkoll, fir-rigward tar-rekwiżit ta' tali theddida li tiġġustifika l-eżekuzzjoni ta' detenzjoni għall-finijiet ta' tneħħija f'faċilità korrettiva, is-sentenza tat-2 ta' Lulju 2020, Stadt Frankfurt am Main (C-18/19, EU:C:2020:511, punti 45 u 46).

[34] Ara, bħala eżempju, fuq il-probabbiltà li jitwettaq attakk evalwata fl-istadju tad-deċiżjoni ta' tkeċċija, is-sentenza tat-2 ta' Lulju 2020, Stadt Frankfurt am Main (C-18/19, EU:C:2020:511, punti 14 u 15).

[35] Tali loġika tista' twassal sabiex żamma taħt detenzjoni tkun iġġustifikata għal raġunijiet oħra rikorrenti bħal, pereżempju, riskju ta' suwiċidju jew kwalunkwe riskju ieħor serju għas-saħħa prevedibbli, li jista' jwassal għar-rikoverazzjoni tal-persuna kkonċernata fi sptar għal tul ta' żmien bejn wieħed u ieħor twil u jdewwem b'mod sistematiku t-tneħħija tiegħu.

pereżempju, mir-riskju ta' ħarba jew ta' tfixkil fit-tneħħija. L-adozzjoni ta' evalwazzjoni tal-probabbiltà tar-riskju li jitwettaq reat, kif issuġġerit mill-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, jew ibbażata fuq il-gravità tar-reat, skont l-opinjoni espressa waqt is-seduta mill-Gvern Spanjol, ma tidhirx li hija konforma mar-rekwiżiti taċ-ċertezza legali u, barra minn hekk, ma tkunx effettiva jekk ma tkunx ibbażata fuq kriterji konkreti u indizji serji u konkordanti.

58. Madankollu, wara li rajt l-osservazzjonijiet orali mressqa bi tweġiba għad-domandi tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-definizzjoni tal-kriterji, stajt ukoll ninnota d-diffikultà li standards ġenerali jiġu stabbiliti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-evalwazzjoni ta' stat perikoluż jew ta' riskju serju ta' reċidiva, fl-istadju ta' tneħħija, ma hijiex, fil-fehma tiegħi, fil-kompetenza tal-awtorità responsabbli għall-eżekuzzjoni tar-ritorn, iżda fil-kompetenza ta' dik li timplimenta l-proċeduri fil-qasam kriminali.

59. Fit-tielet lok, hija meħtieġa viġilanza sabiex ma tiġix evitata l-esklużjoni ta' ġustifikazzjoni bbażata fuq raġunijiet ta' ordni pubbliku, filwaqt li, barra minn hekk, din l-evalwazzjoni ssir fl-istadju tad-deċiżjoni li jingħata terminu għat-tluq volontarju [36].

60. Fil-każ ineżami, dan kien il-każ għal I.L. Is-sitwazzjoni partikolari tiegħu hija wkoll illustrazzjoni tal-konfużjoni possibbli bejn l-elementi utli għall-proċedura ta' detenzjoni u dawk relatati ma' proċedura kriminali. Fil-fatt, dan huwa theddid ta' mewt minn I.L. kontra s-sieħba tiegħu, għalkemm ma ġiex ikkundannat għal dawn il-fatti, li kkostitwixxew il-bażi tat-talba għal żamma taħt detenzjoni. Barra minn hekk, ma huwiex speċifikat jekk ittiħdux miżuri sabiex tiġi evitata r-reċidiva favur il-vittma mill-qorti kriminali.

61. Fid-dawl ta' dan kollu li ntqal, jiena tal-fehma li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 15(2) tal-VSS, kif prevista mill-qorti tar-rinviju, sa fejn hija bbażata fuq il-konstatazzjoni ta' riskju serju li ċittadin ta' pajjiż terz se jwettaq reat kriminali qabel it-tneħħija tiegħu, ma hijiex konformi mal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2008/115.

62. Wara li smajt it-tħassib espress mill-partijiet waqt is-seduta, napprezza bis-sħiħ l-effetti, fil-prattika, ta' tali analiżi, abbażi tar-rekwiżit li jiġu ddefiniti kriterji konkreti fil-liġi, fejn, fin-nuqqas ta' deċiżjoni tal-qorti kriminali li tipprovdi għal jew li twassal għar-ritorn taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat [37], reati kriminali jistgħu jibqgħu jsiru mingħajr tmiem. Fl-opinjoni tiegħi, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jegħlbu dawn id-diffikultajiet billi jirrikorru għal qafas kriminali u kif ukoll soċjali.

63. Jidhirli konċepibbli, minn naħa, li, fil-qasam kriminali, miżuri ta' protezzjoni tal-vittma jew tal-persuna mhedda jista' jkollhom effett dissważiv fuq min wettaq ir-reati, speċjalment fil-każ ta' vjolenza domestika li għaliha hemm stabbiliti sistemi ta' prevenzjoni f'ħafna Stati Membri.

[36] Ara l-punti 44 u 45 ta' dawn il-konklużjonijiet. Barra minn hekk, dan l-aspett tad-domanda ġie kkunsidrat mill-Kummissjoni fil-Manwal dwar ir-Ritorn (p. 140, paragrafu 3). Hemmhekk huwa speċifikat li "[m]huwiex l-iskop tal-Artikolu 15 [tad-Direttiva 2008/115] li jipproteġi lis-soċjetà minn persuni li huma ta' theddida għall-politika jew is-sigurtà pubblika. L-iskop leġittimu li tiġi protetta s-soċjetà għandu jiġi indirizzat permezz ta' siltiet oħrajn tal-legiżlazzjoni, b'mod partikolari l-liġi kriminali, il-liġi amministrattiva kriminali u l-leġiżlazzjoni li tkopri t-tmiem tal-permanenza legali għal raġunijiet ta' ordni pubbliku. […] Jekk l-imġiba/kondotta fl-imgħoddi tal-persuna kkonċernata tippermetti li tinħareġ il-konklużjoni li l-persuna aktarx li mhix ser taġixxi skont il-liġi u ser tevita r-ritorn, din tista' tiġġustifika d-deċiżjoni li hemm riskju ta' ħarba".

[37] Infakkar, f'dan ir-rigward, li, bis-saħħa tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2008/115, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx din id-direttiva għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma suġġetti għal sanzjoni kriminali li tipprevedi jew li tirriżulta fir-ritorn tagħhom, skont id-dritt nazzjonali, jew ikunu s-suġġett ta' proċeduri ta' estradizzjoni. Waqt is-seduta għat-trattazzjoni, il-Gvern Estonjan ma indikax lill-Qorti tal-Ġustizzja li kien eżerċita din il-fakultà.

64. Min-naħa l-oħra, dawn il-miżuri ġeneralment għandhom il-vantaġġ li jiġu kkombinati ma' diversi forom ta' appoġġ soċjali, li jikkostitwixxu alternattivi għad-detenzjoni [38]. Barra minn hekk, tali organizzazzjoni tista' tiggarantixxi li l-proċedura ta' tneħħija tiġi implimentata f'kundizzjonijiet li jirrispettaw id-dinjità tal-persuni kkonċernati [39], meta, bħal fil-każ ineżami, din il-persuna tesprimi l-ħtieġa li tiddisponi mill-effetti personali tagħha u tiġbor l-arretrati tas-salarji.

V. Konklużjoni

65. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domanda magħmula mir-Riigikohus (il-Qorti Suprema, l-Estonja) bil-mod li ġej:

L-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li ż-żamma taħt detenzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz residenti irregolarment tkun ibbażata fuq il-ħtieġa li tiġi ggarantita l-eżekuzzjoni effettiva tat-tneħħija, fl-assenza ta' dispożizzjoni legali, li tissodisfa r-rekwiżiti ta' ċarezza u ta' prevedibbiltà, ta' aċċessibbiltà u, b'mod partikolari, ta' protezzjoni kontra l-arbitrarjetà, li tipprevedi li din iż-żamma tista' tkun iġġustifikata mill-ħtieġa li jiġi evitat it-twettiq ta' reat.

[38] Madankollu, il-Gvern Estonjan ma pprovda l-ebda informazzjoni bi tweġiba għall-mistoqsija bil-miktub tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar dan il-punt. Il-qorti tar-rinviju sempliċement indikat li, "fid-dawl taċ-ċirkustanzi speċifiċi għall-istatus individwali tal-appellant (età, stat ta' saħħa), l-imġiba tiegħu u s-sitwazzjoni tiegħu (rabtiet mal-Estonja, nuqqas ta' indirizz fiss), il-miżuri ta' sorveljanza l-oħra (l-Artikolu 10(2) tal-VSS) ma kinux jippermettu li tiġi ggarantita b'mod daqstant effettiv l-eżekuzzjoni tat-tneħħija".

[39] Dwar dan ir-rekwiżit, ara l-premessa 2 tad-Direttiva 2008/115 kif ukoll, b'mod partikolari, is-sentenza Landkreis Gifhorn (punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).